VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,959, 9 ta' Marzu, 2018
Taqsima A

MALTA

ATT Nru IV tal-2018

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u Diversi Liġijiet dwar l-Elezzjonijiet.

ACT No. IV of 2018

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Constitution of Malta and Various Electoral Laws.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

9 ta’ Marzu, 2018

ATT Nru IV tal-2018

ATT biex jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta u Diversi Liġijiet dwar l-Elezzjonijiet.

Il-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b’liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2018 li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta u Diversi Liġijiet dwar l-Elezzjonijiet. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
Emendi għall-Kostituzzjoni ta’ Malta

2. Id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima jemendaw il-Kostituzzjoni ta’ Malta u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta’ Malta, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejħa "il-Kostituzzjoni". Emendi għall-Kostituzzjoni ta’ Malta.

3. Fl-artikolu 53 tal-Kostituzzjoni, minflok il-kliem "kemm-il darba ma jkollhiex, il-kwalifiki" għandu jidħol il-kliem "kemm-il darba ma jkollhiex l-età ta’ tmintax-il sena u l-kwalifiki" u minflok il-kliem "fl-artikolu 57" għandu jidħol il-kliem "fil-paragrafi (a) u (ċ) tal-artikolu 57". Emenda għall-artikolu 53 tal-Kostituzzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tal-artikolu 54 tal-Kostituzzjoni.

4. Fil-paragrafu (h) tal-artikolu 54 tal-Kostituzzjoni l-kliem "tal-Kamra tad-Deputati." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Kamra tad-Deputati;" u minnufih wara l-paragrafu (h) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(i) jekk ma jkunx għalaq l-età ta' tmintax-il sena.".

Emenda tal-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni.

5. Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni, il-kliem "tmintax-il sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sittax-il sena".

TAQSIMA II

Emendi għall-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali

Emendi għall-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali. Kap. 354

6. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jemendaw l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

7. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali, il-kliem "tmintax-il sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sittax-il sena".

Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

8. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali l-kliem "tmintax-il sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sittax-il sena".

TAQSIMA III

Emendi għall-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

Emendi għall-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Kap. 467.

9. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jemendaw l-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

10. Fil-paragrafu (h) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali, il-kliem "Stat Membru ieħor." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Stat Membru ieħor;" u minnufih wara l-paragrafu (h) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(i) ikun għadu m'għalaqx l-età ta' tmintax-il sena.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 89 tal-5 ta' Marzu, 2018.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati